**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

# ĊELEBRAZZJONI TAL-QUDDIES BIL-PREŻENZA TAL-KONGREGAZZJONI

Wara waqfa ta' tliet xhur minħabba l-pandemija COVID-19, minn nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju, u l-Ħadd 14 ta' Ġunju, Solennità ta' Corpus Christi, se nerġgħu nibdew iċ-ċelebrazzjoni tal-quddies fil-knejjes bil-preżenza tal-kongregazzjoni. Nirringrazzjaw lill-Mulej, u nitolbuh biex jgħinna ngħożżu dejjem aktar l-Ewkaristija.

Qed nibgħatlek id-direttivi li għandhom ikunu segwiti għal dan il-għan. Nitolbok biex inti tagħraf ir-responsabbiltà li lkoll għandna biex nimxu ma' dawn id-direttivi u naraw li kulħadd josservahom bir-reqqa. F'dawn l-aħħar ġranet, saru diversi laqgħat ta' preparazzjoni għal dawk il-persuni fil-parroċċi u fil-komunitajiet li se jkunu qed jikkoordinaw lin-nies li jattendu l-knisja għall-quddiesa.

Mons. Arċisqof ħatar lil Fr André Zaffarese biex ikun delegat tiegħu għal dan il-qasam. F'każ ta' diffikultà, jew ta' mistoqsijiet partikulari, nitolbok tikkuntattja lilu ħalli nkunu nistgħu ngħixu b'mod ordnat u seren dan iż-żmien partikulari.

Jekk 'il quddiem ikun hemm żviluppi differenti, int tkun infurmat dwar dan.

B'rabta mas-Solennità ta' Corpus Christi, qed nibgħatlek ukoll dawn il-punti importanti li tħejjew mill-Kummissjoni Dottrinali. Dawn għandhom ikunu ta' għajnuna biex napprezzaw tassew id-don tal-Ewkaristija u ngħinu lin-nies fir-rispett u l-qima lejn l-Ewkaristija.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 5 ta' Ġunju 2020.

Lawrence Gatt
Kanċillier

✠ Joseph Galea Curmi
Isqof Awżiljarju
Vigarju Ġenerali